MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 448/2011

**Palm Court Limited**

**vs**

**Panta Marketing & Services Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tas-6 ta' Mejju 2011 li jghid hekk:

Peress illi s-socjeta attrici tiggestixxi lukanda bl-isem ta' Qawra Inn gia Palm Court Hotel gewwa Triq it-Tamar, Qawra, San Pawl il-Bahar liema lukanda ghandha boiler biex issahhan l-ilma tal-lukanda u jipprovdi l-heating fl-istess lukanda;

Peress li tali boiler kien jahdem bid-diesel u sabiex is-socjeta attrici tikranka l-ispejjez tad-diesel ordnat minghand is-socjeta intimata gas burner li jahdem bil-gas LPG sabiex jissostitwixxi d-diesel;

Peress li s-socjeta rikorrenti infurmat lis-socjeta intimata li l-boiler ghandu kapacita ta' miljum (1,000,000) BTU;

Peress li s-socjeta intimata baghtet il-haddiema taghha fuq il-post biex jaraw x'burner hemm bzonn;

Premess illi tali boiler jirrikjedi gas burner ta' mitejn u tlieta u disghin (293) kilowatts, izda s-socjeta konvenuta minflok dan installat burner ta' hames mija u tletin (530) kilowatt;

Premess illi in oltre l-istess gas burner li provdiet is-socjeta konvenuta jahdem bil-gas naturali, liema gas lanqas biss jezisti f'Malta flok gas burner li jahdem bil-gas LPG li setgha jithaddem Malta;

Premess illi l-imsemmi boiler gie anki installat mis-socjeta konvenuta tardivament;

Peress illi konsegwentement, is-socjeta rikorrenti kellha terga tirrikorri ghal burner li kellha qabel, liema burner jahdem bid-diesel u konsegwentement kellha tinkorri diversi danni li jikkonsistu f'xiri ta' eluf ta' ewro ta' diesel u heating gas zejjed, liema danni ser jigu ppruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Peress illi meta l-esponenti kkuntatja s-socjeta barranija bl-isem ta' Nuway li timmanifattura dan il-gas burner, certu John Murdoc u l-esponenti tah is-size tal-boiler u s-size tal-burner, l-istess Murdov infurmah li l-boiler ma jistax jahdem b'dan il-burner billi huwa fil-fatt darbtejn il-qies (size) tieghu;

Premess illi s-socjeta attrici avzat lis-socjeta konvenuta bin-nuqqas fil-kwalita pattwita bit-telephone/emails diversi drabi u anki interpellata permess ta' ittra ufficjali (kopja annessa u mmarkata Dok. A);

Premess illi allavolja nterpellata biex tiehu lura l-gas burner u tipprovdi wiehed ta' mitejn u tlieta u disghin (293) kilowatt kif suppost u kif ukoll wiehed li jahdem bil-gas li huwa disponibbli hawn Malta, a spejjez tal-istess socjeta intimata, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Peress li s-socjeta attrici qed tiddepozita dan il-gas burner taht l-awtorita ta' din il-Qorti kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat;

Premess illi b'hekk is-socjeta attrici sofriet u ghadha qed isofri danni konsiderevoli sal-gurnata tal-llum;

Ghaldaqstant is-socjeta attrici titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joghgboha:

1. Prevja kull dikjarazzjoni li tkun necessarja tiddikjara illi s-socjeta intimata kkonsenjat lis-socjeta rikorrenti gas burner mhux skond il-kwalita pattwita ossija tajjeb ghall-uzu li ghalih gie ordnat mis-socjeta rikorrenti;

2. Tirrixxindi l-bejgh tal-imsemmi gas burner stante li ma kienx tal-kwalita pattwita;

3. Tiddikjara illi s-socjeta konvenuta kienet inadempjenti meta kkonsenjat gas burner mhux tal-kwalita pattwita u b'hekk tiddikjara li huma kkawzaw danni lis-socjeta attrici;

4. Tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement illi s-socjeta intimata hija unikament responsabbli ghad-danni ngenti, konsistenti sew f'danni materjali u telf iehor, sofferti mis-socjeta rikorrenti;

5. Tordna lis-socjeta intimata sabiex tiehu lura l-gas burner imsemmi u rodd lura lis-socjeta rikorrenti l-prezz li halset l-istess socjeta ghall-istess gas burner;

6. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi u naxxenti mill-inadempjenza tas-socjeta intimata okkorrendo bl-opera ta' esperti nominandi li jigu nominati minn dina l-Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop;

7. Tikkundanna lis-socjeta intimata sabiex thallas lis-socjeta attrici din is-somma ta' danni hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-4 ta' Marzu 2011 u bl-imghaxijiet legali dekorribbli b'effett mid-data tan-notifika tal-istess ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta konvenuta li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

(1) Illi preliminarjament, l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artikolu 1407 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, l-azzjoni odjerna hija infondata fil-fatt u fid-dritt kif ukoll hija ghal kollox frivola u vessatorja, u dan kif okkorrendo kif ser jigi ippruvat tul is-smigh ta' din il-kawza;

(3) Illi assolutament mhuwiex minnu illi s-socjeta attrici qatt infurmat lis-socjeta esponenti illi l-boiler in kwistjoni ghandu kapacita ta' miljun (1,000,000) BTU. L-esponenti kienet giet inkarigata sabiex tissupplixxi gas burners ekwivalenti ghall-burners tad-diesel li l-attrici kellha diga installati fis-sit proprjeta taghha, u f'dan ir-rigward, wara illi rapprezentanti tas-socjeta esponenti accedew fuq il-post sabiex jivverifikaw l-ghamla u l-kapacita tal-burners installati, is-socjeta esponenti talbet l-informazzjoni necessarja minghand is-socjeta li tissupplixxi dawn il-burners ossija s-socjeta estera Nuway (kopja tal-email relattiva qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. PM 1");

(4) Illi fl-24 ta' Gunju 2008, is-socjeta esponenti baghtet quotation lis-sur Robby Borg, rapprezentant tas-socjeta attrici, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. PM 2". Flimkien mal-quotation surreferita, intbaghat ukoll dokument illi jelenka s-specifikazzjonijiet tal-burner kwotat, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. PM 3";

(5) Illi l-imsemmi Robby Borg accetta li jixtri burner wiehed skond il-quotation surreferita, u dan kif jirrizulta mill-email datata 26 ta' Gunju 2008, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. PM 4";

(6) Illi s-socjeta attrici qieghda tippremetti fir-rikors promotur illi l-burner mibjugh mis-socjeta esponenti huwa ta' hames mija u tletin (530) kilowatt, liema premessa hija ghal kollox inveritjiera u qarrieqa stante illi, kif dell'altro jirrizulta ukoll mid-dokument ta' specifikazzjonijiet

surreferit, il-burner in kwistjoni ghandu range of operation ta' bejn mija u tmenin (180) kilowatt u hames mija u tletin (530) kilowatt u wiehed imbghad jikkalibra l-burner skond in-necessita u dan kif ser jigi deskritt u ippruvat ahjar tul il-mori ta' din il-kawza;

(7) Illi fir-rigward tal-allegazzjoni da parti tas-socjeta attrici illi l-burner in kwistjoni jahdem bil-gas naturali u mhux bil-gas LPG, is-socjeta mittenti tispjega illi, fl-ewwel lok, il-burner in kwistjoni jahdem kemm bil-gas naturali u kemm bil-gas LPG, u fit-tieni lok, il-vertenza li nqalghet fuq it-tip ta' gas tirrigwardja semplicement in-nozzle tal-burner, liema nozzle hija biss accessorju tal-burner illi tinqala' u tinbidel skond ma jkun hemm bzonn, u fil-fatt, kif is-socjeta esponenti ndunat illi n-nozzle provduta mal-burner kien wiehed intiz ghall-uzu ma' gas naturali, hija immedjatament ordnat nozzle illi jaqbel mal-gas LPG u bidlet dan in-nozzle a spejjez taghha;

(8) Illi fir-rigward tal-allegazzjoni illi l-imsemmi boiler gie installat tardivament, is-socjeta esponenti tirrileva illi fl-ewwel lok, din il-premessa ma tinkwadra xejn mat-talbiet attrici u ghalhekk hija ghal kollox irrilevanti. In ogni kaz u minghajr pregudizzju, is-socjeta esponenti tichad bhala kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt din l-allegazzjoni kif ser jigi ppruvat tul il-mori ta' din il-kawza;

(9) Illi in ogni kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq is-socjeta attrici l-obbligu illi timminimizza kemm jista' jkun id-dannu minnha allegatament soffert, liema obbligu s-socjeta attrici naqset ghal kollox milli tosserva, u dan kif jirrizulta inekwivokabilment mill-fatt illi l-ewwel darba illi s-socjeta attrici allegat illi l-burner ma kienx tal-kwalita miftiehma kien biss fl-ittra ufficjali tal-4 ta' Marzu 2011;

(10) Illi ghaldaqstant, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata iktar il-fuq, it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda in toto stante illi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt;

(11) Illi ghaldaqstant ukoll, stante illi l-azzjoni attrici hija ghal kollox frivola u vessatorja, il-konvenut ma ghandu jbati l-ebda spejjez u interessi relatati mal-istess;

(12) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici illi qeghda minn issa tigi ngunta in subizzjoni.

Rat l-atti, ir-rapport gudizjarju u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ai terminu tal-artikolu 1407 tal-Kap. 16.

**Ikkunsidrat**

L-ewwel li jrid jigi determinat hu r-rapport guridiku bejn il-partijiet u n-natura tat-talba attrici. Is-socjeta attrici kjarament fl-ewwel talba taghha titlob dikjarazzjoni li s-socjeta konvenuta issupliet gas burner mhux tal-kwalita pattwita jew tajjeb ghall-uzu ordnat mill-istess socjeta attrici. Apparti r-rexxisjoni tal-bejgh fit-tieni talba saru talbiet ohra konsistenti fir-restituzzjoni tal-prezz u danni kawzati lis-socjeta attrici. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni invokata mis-socjeta konvenuta hi dik li tohrog mill-istess talba attrici cioe l-preskrizzjoni ta' talbiet naxxenti fost affarijiet ohra minn bejgh u kunsenja ta' oggett mhux skond il-ftehim. It-talbiet l-ohra huma konsegwenzjali u ma jigux kunsidrati jekk tfalli t-talba principali a bazi tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni invokata (ara **Raffaela Barbara vs Tommaso Vella**, App Civ 19/04/1940).

Jirrizulta illi s-socjeta attrici tiggestixxi l-lukanda Qawra Inn gia Palm Court fil-Qawra u riedet tbiddel burner li kien jahdem bid-diesel li jsahhan l-impjant tas-sistema tal-ilma gia ezistenti ghal wiehed li jahdem bl-LPG gas. Skond is-socjeta attrici s-socjeta konvenuta istallat burner akbar minn dak li kien mehtieg u ma ipprovditux jahdem bil-gas LPG.

Il-kwistjonijiet fuq il-mertu tal-azzjoni mhix ser jigu kunsidrati f'dan l-istadju kif mhux ser jigu kunsidrati l-eccezzjonijiet fil-mertu tas-socjeta konvenuta. Dak li jinteressa lil Qorti hu jekk is-socjeta konvenuta ghandhiex ragun o meno li topponi ghad-domanda attrici bil-pregudizjali li tali domanda saret oltre t-terminu moghti mill-ligi ghal tali domanda.

Il-Qorti tqis illi r-rapport guridiku bejn il-partijiet kif del resto jidher mill-assiem tal-provi kien wiehed ta' bejgh tal-burner tal-gass ghalkemm wara l-bejgh u kunsinna tal-oggett specifiku rikjest mis-socjeta attrici cioe burner wiehed li jahdem bil-gass saret ukoll istallazzjoni tal-

istess mas-sistema gia ezistenti u modifikata skond il-bzonn mis-socjeta attrici stess. In fatti fl-affidavit ta' Albert Borg direttur tas-socjeta attrici dan qal li s-socjeta attrici kellha tipprovdi burner ghal boiler u jaghmlu xoghol fejn jigi istallat. Sostna li mar l-inginier Michael D'Amato li jahdem mas-socjeta konvenuta biex jaghmel spezzjoni u wara s-socjeta attrici ghamlet l-ordni ghal burner. Zied li minhabba problemi fil-burner l-istallazzjoni ma setghetx titkompla. Irrizulta mix-xiehda ta' Diego Attard ghas-socjeta konvenuta illi fil-fatt saru zewg quotations wahda ghal tlett burners u wahda ghal burner wahda u intghazlet dak li gie mixtri cioe burner wiehed. L-inginier D'Amato jispjega fl-affidavit li l-kunsenja saret f'zewg fazijiet, wahda tirrigwarda s-supply biss li kienet tinvolvi wkoll id-delivery li saret f'Awwissu 2008. Wara kien hemm it-tieni fazi cioe l-istallazzjoni. Pero din l-istallazzjoni skond ix-xiehda quddiem il-periti gudizjarji fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2011 saret wara li l-klijent ipproduca l-pipe tal-gass hdejn il-burner. Il-Qorti izzid li c-certifikazzjoni rikjesta mis-socjeta konvenuta tal-istallazzjoni ghal verifika ta' health and safety ma sarx minnha stess kif wiehed kien jistenna kieku dan in-negozju ma hux wiehed ta' bejgh izda per ezempju ta' appalt. Il-Qorti hi tal-fehma illi r-rapport guridiku bejn il-partijiet kien wiehed essenzjalment ta' bejgh ta' oggett partikolari b'funzjonijiet partikolari ghal sistema gia ezistenti u l-istallazzjoni kien biss fattur sekondarju ghall-oggett primarju cioe bejgh ta' burner bi kwalitajiet precizi ghal esigenzi tal-klijent li kellu gia istallazzjoni ta' sistema li l-burner kellu jhaddem.

Kwindi hu logiku illi t-talba attrici tigi imsejsa fuq il-kuntratt ta' bejgh u n-nuqqas ta' konsenja ta' dak pattwit. F'dan is-sens jinghad fl-Appell Kummercjali **George Vassallo vs Laurence Fenech et nomine** (26/04/1988):

> ghalkemm hemm diversi teroiji fid-dottrina, tidher però prevalenti u aktar konvincenti t-teorija li wiehed ghandu jhares lejn l-intenzjoni tal-kontraenti u jekk dawn ikunu harsu principalment lejn l-obbligazzjoni di fare, allura l-kuntratt huwa ta' locatio operis, mentri jekk ikunu harsu principalment lejn l-obbligazzjoni di dare, il-kuntratt huwa ta' bejgh."

Il-Qorti hi marbuta mat-talbiet attrici kif dedotti u xejn aktar ghax il-Qorti ma tista' tmur ultra jew extra petita u lanqas ghandha tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ma' dik ta' min jippromovi l-azzjoni li ghandu dritt jezercita l-azzjoni li jrid u jitlob ir-rimedju li jixtieq dejjem fl-ambitu ta' dak li tippermetti l-ligi (ara f'dan is-sens generali **Joseph Portelli et vs Dr. Anton Refalo**, (App Civ 22/02/2013 u **Antonio Carmagna vs Lennart Attard et**, (PA 15/07/2013).

It-talba attrici hi wahda preciza ta’ bejgh mhux skond il-kwalita miftehma. Dan jirrizulta car mill-ghaxar premessa u aktar mill-ewwel tlett talbiet. Ma’ dan jizdied anki d-dicitura uzata fl-ittra ufficjali tal-4 ta’ Marzu 2011 mibghuta mis-socjeta attrici lil dik konvenuta (annessa mal-att promotur). Jizdied li s-seba’ talbiet attrici jaqghu fil-parametri tal-azzjoni u konsegwenzi derivanti minn dak tal-kwalita pattwita.

Dan kollu rilevat l-artikolu 1407(1) tal-Kap. 16 ighid hekk:

> L-azzjoni li tmiss lill-bejjiegħ għaż-żjieda tal-prezz, u dik li tmiss lix-xerrej għat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerġa’ lura mill-kuntratt, tintilef egħluq sentejn minn dak in-nhar tal-kuntratt.

It-terminu ta’ sentejn mhux wiehed ta’ preskrizzjoni izda wiehed ta’ dekadenza kif ormai hu inekwivoku skond il-gurisprudenza (ara ezempju **Emanuel Borg vs John Xuereb**, App Civ 25/10/1989). Dan ifisser li ebda interpellazzjoni gudizjarja bhal ma hi ittra ufficjali jew protest ma hi ser tinterrompi l-preskrizzjoni. Dak li jrid isehh hu li l-pretensjoni titressaq b’kawza entro t-terminu stabbilit mill-ligi, cioe sentejn.

Il-fatti kronologici li taw lok ghal din il-vertenza gew precizament dettaljati mill-perit legali kif gej:

> (i) f’Gunju, 2008 Albert sive Robbie Borg (prezumbilment ghan-nom tas-socjetà attrici) ghamel rikjesta lis-socjetà konvenuta ghal tlett (3) gas burners;
>
> (ii) fl-20 ta’ Gunju, 2008 s-socjetà konvenuta ghamlet rikjesta lill-kumpannija estera “Nu-Way” jekk setghetx tforni gas burner li kien qed jigi rikjest minn Borg;
>
> (iii) fl-24 ta’ Gunju, 2008 l-kumpannija estera “Nu-Way” irrispondiet lis-socjetà konvenuta fejn gharrfitha li setghet taqdiha;
>
> (iv) fl-24 ta’ Gunju, 2008 rapprezentanti tas-socjetà konvenuta gharrfu lil Borg li huma kienu f’posizzjoni jfornu tali gas burners;
>
> (v) fis-26 ta’ Gunju, 2008, Albert sive Robbie Borg (prezumbilment ghan-nom tas-socjetà attrici) ikkonferma l-ordni tieghu, izda ghal gas burner wiehed (1) biss;
>
> (vi) f’Lulju, 2008 kien sar hlas akkont mill-attrici lill-konvenuta fl-ammont ta’ €1,005.36c rapprezentanti depozitu preventiv fuq l-oggett tal-bejgh (vide “Dok: DA.3” (fattura) ezibit fis-seduta peritali ta’ l-4 ta’ Ottubru, 2011 li mieghu hemm annessi zewg ricevuti);

(vii) fit-22 ta' Awwissu, 2008 kien wasal il-gas burner mill-esteru u dakinhar stess sehhet il-kunsinna tieghu;

(viii) fis-7 ta' Ottubru, 2008 is-socjetà konvenuta bghatet email lil Albert sive Robbie Borg fejn infurmatu bil-quotation taghha relattiva ghal "installation and commissioning of gas burner";

(ix) fit-8 ta' Ottubru, 2008 Albert sive Robbie Borg irrisponda l-email tas-socjetà konvenuta fejn gharrafha li kien qed jaccetta l-quotation indikata u fejn talab biex ix-xoghol ta' installazzjoni jibda' kemm jista' jkun malajr;

(x) fil-15 ta' Jannar, 2009 kien sar hlas mill-attrici lill-konvenuta fl-ammont ta' €2,345.84c rapprezentanti "supply and delivery of 1 no. Nu-Way two-stage gas burner";

(xi) fit-23 jew 28 ta' Frar, 2009 l-Inginier Michael D'Amato, qua rapprezentant tas-socjetà konvenuta, u xi haddiema ohra kienu marru fil-lukanda ta' l-attrici biex jigi nstallat il-gas burner. F'din l-okkazzjoni kien gie konstatat li l-boiler kellu bzonn jitnaddaf;

(xii) fit-2 ta' Marzu, 2009 l-imsemmi inginier u xi haddiema regghu marru fil-lukanda u, ghalkemm il-boiler kien tnaddaf, din id-darba kien hemm problema bil-fjamma tal-gas burner, ossia kienet instabbli u kienet qed tintefa;

(xiii) fl-4 ta' Marzu, 2009 l-imsemmi inginier rega' mar in situ mal-haddiema tieghu u nnutaw li kien hemm problema bin-nozzle tal-gas burner. Saret ordni ohra mill-konvenuta mal-kumpannija estera "Nu-Way" ghal nozzle idoneja dakinhar stess;

(xiv) fl-1 ta' April, 2009 giet mill-esteru n-nozzle l-gdida tal-gas burner u dakinhar stess haddiema tas-socjetà konvenuta regghu accedew fuq il-post u dakinhar kienet inbidlet in-nozzle tal-gas burner (minn nozzle ta' natural gas ghal ohra idoneja ghal LPG gas). Fil-jobsheet relattiva hemm indikat li "Burner is working good. Left burner switched off.";

l-installazzjoni finali tal-gas burner jidher li saret fil-15 ta' Mejju, 2009;

(xv) Fil-25 ta' Frar, 2011 Albert sive Robbie Borg bghat email direttament lill-kumpannija barranija "Nu-Way" fejn staqsiha x'kellu jkun s-"size in KW" ta' gas burner ghal boiler ta' miljun BTU. Dakinhar stess, John Murdoc, rapprezentant tal-kumpannija estera "Nu-Way" kien irrisponda lil Albert sive Robbie Borg u indikalu l-kapacità ta' 293kW/h u annettielu dokumentazzjoni relattiva ghal gas burner;

Il-perit legali jelabora kif gej fuq dawn il-fatti:

Hekk spezzettati l-fatti ta' kif zvolgew l-affarijiet bejn il-kontendenti, fil-fehma tas-sottoskritt data li ma setatx tigi traskurata hija dik ta' l-4 ta' Marzu, 2009 ossija meta kien gie konstatat li kien hemm problema bin-nozzle tal-gas burner. Dan il-fatt kellu jibda' jallerta lis-socjetà attrici li l-oggett minnha mixtri (u mhallas) ma kienx konformi ghall-ezigenzi tal-lukanda minnha mmexxija. Jekk fl-4 ta' Marzu, 2009 dan ma

kienx daqstant fattur oggettiv, jew kristallin, mill-ottika ta' l-attrici, certament id-data ta' l-1 ta' April, 2009 kellha tkun data ferm krucjali. Dan ghaliex ghalkemm inbidlet in-nozzle tal-gas burner, l-impjant, kif tghid l-attrici, baqa' mhux funzjonanti.

L-importanza intrinseka tad-data ta' l-1 ta' April, 2009 hi rikonoxxuta minn Albert sive Robbie Borg innifsu. Fl-affidavit tieghu jsostni hekk: "Wara li rrangaw u nstallaw l-imsemmija parts, biex forsi jibda jahdem bl-LPG, xorta wahda baqa ma jahdimx. Dan gara fl-1 ta' April 2009 meta s-socjetà konvenuta fuq insistenza tieghi bidlet n-nozzle tal-burner biex minn natural gas ikun jista jopera bl-LPG gas ghax natural gas ma ghandniex Malta. (Dok RB3 juri dan). Jiena sa dan it-tant bqajt f'kuntatt kontinwu mal-Panta sabiex jirrangawli din il-problema. Wara li nbidlet in-nozzle, xorta wahda ma hadimx dan il-burner. Il-burner baqa ma hadem qatt. Sa dan it-tant kelli neqleb is-sistema tal-boiler fuq il-burner l-originali li kellna li jahdem bid-diesel." F'dak il-mument is-socjetà attrici kellha indikaturi sufficjenti u oggettivi bizzejjed biex jallertawha u jhegguha tattiva ruhha u ddur fuq esperti teknici fis-settur, jew sahansitra tiehu parir legali. Fl-1 ta' April, 2009 l-attrici kellha, ghalhekk, tirrifjuta l-oggett vendut ghax kif mistqarr kien qed jimmanifesta nuqqasijiet u, konsegwentement, tghaddi biex tiddepozitah taht l-awtorità tal-qorti halli b'hekk tezimi ruhha mir-responsabbilità relattiva u mbaghad tmexxi bl-azzjoni pertinenti fiz-zmien legislittivament koncess.

Jidher li bejn l-1 ta' April 2009 sad-data li gie prezentata l-kawza fis-6 ta' Mejju 2011 is-socjeta attrici ma ghamlet xejn biex tissalvagwardja l-pozizzjoni taghha kif trid il-ligi nonostante illi f'Novembru 2009 is-socjeta konvenuta ghamlet kawza kontra s-socjeta attrici ghal hlas tal-bilanc tal-prezz f'sede ohra. Dan il-fattur zgur allerta lis-socjeta attrici illi kellha tezamina l-pozizzjoni taghha u tihu pozizzjoni u l-inerzja taghha ghal aktar minn sentejn iwasslu lil Qorti ghal unika konkluzjoni illi t-talba attrici saret wara li kien skorra z-zmien biex tali talba tista tigi ezercitata.

**Decide**

Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta li l-azzjoni attrici hi perenta ai termini tal-artikolu 1407 tal-Kap. 16 u kwindi tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontriha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------